MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Numru. 481/2008

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Peter Axiak**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni – kif korretta b'digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Dicembru 2011 - migjuba kontra:

Peter Axiak detentur ta' numru tal-karta ta' l-identita' 579263M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' Novembru, 2007 u fil-jiem ta' qabel:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi kif emendata, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri u li m'humiex kontestati bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. Il-Pulizija waqqfu lill-imputat li kien qed isuq il-vettura tieghu u mieghu kien hemm certu Jason Caruana.
2. Kif l-imputat induna li kien cirkondat mill-Pulizija rema' mizien digitali mit-tieqa.
3. Meta saret tfittxija fuq il-persuna tal-imputat instabu tliet boroz bi trab abjad suspettati kokaina.
4. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li kien jabbuza mid-droga kokajina u li d-droga li nstabet kienet ghall-uzu tieghu. Pero huwa ammetta wkoll li lil Jason Caruana kien qallu li kellu d-droga imma Caruana qallu li ma riedx ghax kien qata kollox.
5. Mistoqsi kemm juza droga fil-gimgha, l-imputat wiegeb li dak l-ammont ta' droga gieli hadu f'erbat (4) ijiem u gieli ghamel gimgha ma juzax ghax ma jkollux flus. Id-droga li nstabet fuqu kien xtraha LM175 u kien fadallu jaghti lill-bejjiegh Lm35.
6. L-espert Xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda r-relazzjoni tieghu hekk:[1]

   *"(a) Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 059-08-01 instabet is-sustanza <u>Kokaina.</u> Il-piz tat-trab kien ta' 7.49 grammi u l-purita kien ta' cirka 40%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Ghalhekk dak li din il-Qorti trid tiddeciedi huwa jekk id-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu – kif qed jissottometti hu – jew li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu, kif qed tissottometti l-prosekuzzjoni.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[2] irriteniet illi: *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."* (enfasi ta' dik il-Qorti)

[1] Ara r-relazzjoni tal-espert Xjenzat Godwin Sammut ezebita fil-*Proces Verbal* ezebit bhala Dok JM a fol. 10 tal-process.
[2] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

In oltre, fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta’ Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[3] osservat li kawzi li jikkoncernaw imputazzjonijiet ta’ pussess aggravat: *“... ... mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f’dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f’dan ir-rigward tista’ skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed (Ara App. Krim. “Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio” (26.8.1998). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista’ tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati (Ara Appell Kriminali: “Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri” (2.9.1999).”*

Il-Qorti ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

1. Fuq il-persuna tal-imputat instabu tlett boroz bid-droga kokajina li kien fihom dawn il-pizijiet: 7.03g, 0.21g u 0.25g.[4] Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-Espert Xjenzat Godwin Sammut qal li skond EMCDDA, id-doza medja tad-droga kokajina hija bejn 100 u 200 mg, u d-*daily dose* hija bejn 1 sa 1.5 grams. Ghalhekk mill-ammont ta’ droga kokajina totali li nstabet fuq l-imputat, 7.49 johorgu 37 doza bhala medja. Dan l-ammont ta’ mhux normalment assocjat ma’ droga ghal uzu personali. In oltre skont l-Artikolu 4 tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta’ Malta), pussess ta’ droga kokajina huwa kkunsidrat li huwa ghall-uzu personali jekk ma jkunx ta’ izjed minn 2 grammi.

2. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li l-ammont ta’ droga li nstab fuqu xtraha Lm175, u kien ghad fadallu jaghti Lm35 lill-bejjiegh ghaliha. Il-Qorti ssib din id-dikjarazzjoni ferm stramba, ghaliex mhux mgharuf li fid-dinja tad-droga, id-droga tinbiegh bid-dejn.

3. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat qal li huwa kien jikkonsma l-kokajina bil-pipa. Huwa notorju li meta l-kokajina tigi kkunsmata b’dan il-mod – wara li tissajjar u tissejjah crack cocaine – wiehed jahli iktar kokajina, milli meta jigbidha bin-nifs. Il-mod kif l-imputat spjega li kien jikkonsma l-kokajina bil-pipa ma hux dak ortodoss kif tigi abbuzata l-crack cocaine. Pero l-aktar haga li laqtet din il-Qorti hija meta l-imputat qal li s-seba’ (7)

---
[3] Per Imhallef Joseph Galea Debono.
[4] Ara relazzjoni tal-espert Xjenzat Godwin Sammut.

grammi ta’ kokajina li kellu kien juzahom f’gurnata wahda, ghax bil-metodu li kien juza biex jabbuza d-droga, kien jahli d-droga.[5] Din ix-xhieda hija totalment inattendibbli stante li mix-xhieda tal-Espert Xjenzat Godwin Sammut jirrizulta li d-daily dose hija ta’ bejn 1 u 1.5 grammi. Certament li l-imputat ma kienx se jahli 5.5 grammi kokajina. Inoltre, din ix-xhieda tal-imputat tikkontradici dak li hu stess qal fl-istqarrija tieghu li l-ammont ta’ droga li instabet fuqu “gieli hadthom f’erbat ijiem.”

4. Il-Qorti ma tista’ ssib l-ebda spjegazzjoni logika ghalfejn id-droga kokajina kienet maqsuma f’pakketti b’pizijiet tant differenti u cioe 7.03g, 0.21g u 0.25g. Lanqas il-Qorti ma tista ssib spjegazzjoni logika ghalfejn l-imputat kellu johrog bl-istock kollu li kellu tal-kokajina fuqu biex imur ma’ Jason Caruana sabiex jipprova jsiblu x-xoghol. Skont ix-xhieda li ta l-imputat quddiem din il-Qorti hu kien jikkonsma d-droga meta ma jkunx xoghol u ma kienx imur parties jew johrog bil-lejl.[6] Ghalhekk jidher li l-imputat kien jikkonsma d-droga meta jkun id-dar.

5. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid hekk, b’riferenza ghal Jason Caruana: “Jiena ghidtlu li kelli izda hu qalli li le ghax kien qata’ kollox.” Issa fix-xhieda tieghu Jason Caruana ammetta li kien jabbuza mid-droga u jghid li “kont ghadni kif spiccajt il-programm.”[7] Fl-opinjoni tal-Qorti dan id-diskors tal-imputat jista’ biss jiftiehem li hu offra li jaghti d-droga lil Caruana.

Ghalhekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni ppruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li d-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

L-ammont ta’ droga li nstabet fuq l-imputat ta’ 7.49 grammi kokajina mhux wiehed negligibbli, u skond ix-xhieda tal-espert Xjenzat Godwin Sammut minn dan l-ammont johorgu medja ta’ 37 doza.

---

[5] Ara xhieda tal-imputat a fol. 54-55 tal-process.
[6] Ara xhieda tal-imputat a fol. 56 u 57 tal-process.
[7] Ara xhieda ta’ Jason Caruana a fol. 31 tal-process.

Il-fedina penali tal-imputat mhix wahda felici b'ghaxar (10) kundanni, relatati hamsa minnhom ma ksur tal-ligijiet tas-sewqan, zewg reati ta' serq aggravat u reat ta' tentattiv ta' serq aggravat, ksur tal-ligijiet dwar l-impjieg u r-reat ta' pussess semplici tad-droga cannabis.

Huwa vera li l-imputat ghamel l-almu tieghu biex jeghleb il-vizzju tad-droga u ghamel sena jattendi *evening course* imnedi mill-agenzija Caritas.[8] Inoltre mix-xhieda tal-mara tieghu Sonia Axiaq jidher li l-imputat qed jassumi r-responsabbilitajiet tieghu fil-familja.[9]

Pero dawn il-fatti ma jezimux lill-imputat mill-piena ghar-reat li tieghu instab hati, cioe dak tal-pussess aggravat tad-droga. Dan aktar u aktar meta l-legislatur stess ipprovda li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, tas-sentenza sospiza u tal-Probation of Offenders Act ma japplikawx ghar-reat tal-pussess aggravat tad-droga in dizamina (Artikolu 22(9) Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan effettivament ifisser li meta persuna tinstab hatja ta' pussess aggravat ta' droga, bhal fil-kaz odjern, il-Qorti hija legalment tassattivament marbuta li tikkundanna lill-hati ghal piena ta' prigunerija effettiva u multa.

Kif osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi u fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess ta' l-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-*

[8] Ara xhieda ta' Emanuel Scicluna a fol. 41 *et seq.* tal-process.
[9] Ara xhieda ta' Sonia Axiaq a fol. 58 *et seq.* tal-process.

*ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."* Fil-kaz odjern, l-imputat ma ghamilx programm residenzjali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija effettiva u multa ta' elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mitejn u zewg Euro u seba' u tletin centezmu (€202.37), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------